# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' Frar 2016**

**Kawza Numru : 24**
**Rikors Guramentat Numru : 1131/2009/LSO**

**Francesca Saveria Cini, karta ta' identita` numru 259934M**

**vs**

**George Cini, karta ta' identita` numru 491447M, Philip Cini, karta ta' identita` numru 857149M, Carmela Farrugia, karta ta' identita` numru 857848M, Arnold Cini, karta ta' identita` numru 181668 u r-Reverendu Carlo Cini karta ta' identita` numru 328772**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta' Francesca Saveria Cini, karta ta' identita` 259934M datat 19 ta' Novembru 2009 fejn esponiet: -

IIli zewgha Carmelo Cini bin il-mejtin Giovanni Maria Cini u Giorgio nee` Sammut, miet il-Pieta` fit-30 ta' Dicembru 2008;

Illi Carmelo Cini meta zzewweg lir-rikorrenti kien armel minn Ludgarda nee` Grech u minn dak iz-zwieg kellhom sebat itfal, li tlieta minnhom ossia George, Philip u Carmela huma l-konvenuti;

IIli r-rikorrenti zzewget lil Carmelo Cini fl-1 ta' Dicembru 1985, u f'dan iz-zwieg giet kostitwita bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti.

IIli b'testment *unica charta* fl-Atti tan-Nutar Antoine Agius datat 7 ta' Awwissu 2008, Carmelo Cini filwaqt li ddiseredita lil uliedu Louis Cini, John Cini u Joseph Cini, halla b'titolu ta' legat lir-rikorrenti d-dritt ta' abitazzjoni fid-dar u *garage* numru tlieta u sittin (63) u hamsa u sittin (65) rispettivament, fi Triq il-Gdida, Hal-Qormi, l-uzufrutt tal-oggetti mobbli kollha li jinsabu fid-dar tat-testatur f'mewtu u *in piena* proprjeta` kwalsiasi somma kontanti li jkun jippossjedi t-testatur fil-gurnata tal-mewt. *Inoltre* t-testatur ghamel il-kondizzjoni f'dan it-testment li jekk il-eredi jbieghu

d-dar imsemmija aktar ‘il fuq, qabel il-mewt tar-rikorrenti, l-eredi huma obbligati jhallsu s-somma ta' hamsin elf ewro (€50,000) lir-rikorrenti *oltre* sehemha.

Illi *inoltre*, Carmelo Cini sstitwixxa bhala eredi universali tieghu lil uliedu George, Philip u Carmela ghal tlieta minn hames partijiet u lil ulied ibnu l-mejjet Nikola *sive* Lino, jigifieri lil Arnold u Reverendu Dun Charles ghal wiehed minn hames partijiet u lil martu r-rikorrenti ghar-rimanenti kwint indiviz.

Illi sussegwentement ghal dan it-tesment, sar testment *unica charta* addizzjonali fl-Atti tan-Nutar Margaret Heywood fit-3 ta’ Dicembru 2008, - Dok. FS1 - fejn inbidel it-tielet Artikolu biex b'hekk it-testatur halla b'titolu ta' legat lir-rikorrenti id-dritt ta' abitazzjoni fid-dar u *garage* numru 63 u 65 fi Triq il-Gdida, Hal-Qormi, l-uzufrutt tal-oggetti mobbli kollha li jinsabu fid-dar tat-testatur u *in piena* proprjeta` kwalsiasi sommom ta' flus li jkun jippossjedi t-testatur fil-gurnata tal-mewt. *Inoltre* t-testatur biddel il-kondizzjoni imsemmija aktar ‘il fuq li jekk l-eredi jbieghu d-dar u *garage* fi Triq il-Gdida, Hal-Qormi, huma obbligati li jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' sebghin elf ewro (€70,000) *oltre* sehemha.

IIIi fid-29 ta' Novembru 1985 - Dok. FS2 - ir-rikorrenti flimkien ma' zewgha d-decujus Carmelo Cini, kienu ghamlu dikjarazzjoni fl-Atti tan-Nutar Antoine Agius. F'din id-dikjarazzjoni gie ddikjarat li Carmelo Cini jipposjedi:

i. Nofs indiviz tad-dar b'*garage* 72 u 73 (issa 63 u 65) fi Triq il-Gdida Hal-Qormi;

ii. Nofs indiviz tal-fond numru 4 u 5 fi Sqaq Zenqa, Hal-Qormi;

iii. Nofs indiviz tal-ghamara li jinsabu fid-dar li qieghda fi Triq il-Gdida, Hal-Qormi.

iv. Il-kreditu tieghu kontra s-sitt uliedu ammontanti ghal hamsa u ghoxrin elf hames mija tmienja u erbghin ewro u sebgha u hamsin centezmi (€25,548.57);

v. L-uzufrutt tal-affarijiet imsemmija minn (i) sa (iv) u l-uzufrutt ta' sitta u tletin elf sitt mija sebgha u tmenin ewro u tlieta u sittin centezmi (€36,687.63).

Illi min-naha l-ohra r-rikorrenti ddikjarat li hi tipposjedi:

a) Oggetti prezjuzi tal-valur ta' hamest elef hames mija tnejn u disghin ewro u tlieta u tmenin centezmi (€5,592.83);

b) Ghamara u oggetti tal-valur ta’ elf mija erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmi (€1,164.69);

c) Flus depozitati fil-Bank of Valletta li jammontaw ghal disat elef hames mija u sebgha u tletin ewro u tmienja u tmenin centezimi (€9,537.88);

d) *Bearer account* nru. 150083 li jammonta ghal disat elef tliet mija u sbatax-il ewro u disgha u erbghin centezmi (€9,317.49);

e) *Bearer account* nru. 150113 li jammonta ghal disat elef tliet mija u sbatax-il ewro u disgha u erbghin centezmi (€9,317.49);

f) Flus kontanti ammontanti ghas-somma ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmi (€11,646.87).

Illi fil-25 ta' April 2009, fl-Atti tan-Nutar Patrick Critien saret id-dikjarazzjoni *causa mortis* da parti mill-eredi - Dok. FS3.

Illi r-rikorrenti wara li ppruvat bonarjament timplimenta dak li hemm miktub fit-tielet Artikolu tat-testment *unica charta* tat-3 ta' Dicembru 2008, partikolarment li l-flus li huma ddepozitati fil-banek jigu ttrasferiti f'isimha, izda l-konvenuti qeghdin jopponu li jsir dan.

Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma tixtieqx tibqa’ fi stat ta' ko-proprjeta’ mal-konvenuti.

Ghaldaqstant il-attrici titlob bir-rispett lil din il-Onorabbili Qorti sabiex:

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti billi tigi dikjarata illi tikkonsisti f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza u illi gew imsemmija aktar ‘il fuq fil-premessi;

2. Tillikwida l-attiv tas-successjoni tad-decujus billi tiddikjara li l-flus kollu li kienu proprjeta` tad-decujus fil-mument tal-mewt tieghu huma proprjeta` tar-rikorrenti.

3. Tinnomina nutar biex jippubblika l-att ta' divizjoni, u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-17 ta’ Frar 2010.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti George Cini, bil-Karta tal-Identita` Numru 491447M; Philip Cini, bil-Karta tal-Identita` Numru 857149M; Carmela Farrugia, bil-Karta tal-Identita` Numru 857848M; Arnold Cini, bil-Karta tal-Identita` Numru 181668M u r-Reverendu Carlo Cini, bil-Karta tal-Identita` Numru 328772M datata 17 ta’ Frar 2010 (fol 26) fejn Carmela Farrugia, bil-Karta tal-Identita` Numru 857848M, bil-gurament taghha kkonfermat :

1. Illi, *in linea* preliminari, l-eccipjenti jitolbu s-soprasessjoni tal-kawza odjerna pendenti d-determinazzjoni tal-kawza fl-ismijiet 'George Cini et -vs- Francesca Saveria Cini' prezenta llum stess *(vide* Dok. 'A') permezz ta' liema din l-Onorabbli Qorti hija mitluba tiddikjara illi t-testment *unica charta* addizzjonali fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood datat 3 ta' Dicembru 2008 huwa null u bla ebda effett u dan *stante* illi d-decizjoni ta' tali kawza tinfluwixxi b'mod determinanti fuq il-kawza odjerna.

2. Illi, *in linea* preliminari wkoll, it-talbiet attrici huma irritwali u nulli *stante* illi ghalkemm saret talba biex jigi likwidat l-attiv tas-successjoni *tad-decujus,* tali talba hija

kwalifikata fis-sens li din l-Onorabbli Qorti giet mitluba tiddikjara "li l-flus kollu li kienu proprjeta' tad-*decujus* fil-mument tal-mewt tieghu huma proprjeta' tar-rikorrenti" izda ma saret ebda talba sabiex jigi likwidat l-attiv kollu tas-successjoni tad-defunt Carmelo Cini (li ma jikkonsistix biss fi flus kontanti jew depoziti bankarji) u sabiex dan jigi diviz f'hames porzjonijiet ugwali li jigu assenjati in kwantu ghal sehem kull wiehed lill-eccipjenti George Cini, Philip Cini u Carmela Farrugia u lill-istess attrici u sehem iehor li jigi assenjat lill-eccipjenti Arnold u r-Reverendu Carlo, ahwa Cini, bejniethom. Konsegwentement it-talbiet attrici ma jwasslux ghal-likwidazzjoni, id-divizjoni u l-assenjazzjoni tal-attiv kollu tas-successjoni tad-defunt Carmelo Cini u b'hekk din il-procedura hija nulla u irritwali.

3. Illi, *in linea* preliminari wkoll, din il-procedura kif intavolata mill-attrici hija irritwali u nulla wkoll ghaliex l-attrici naqset milli qabel xejn taghmel talba sabiex hija tigi immessa fil-pussess tal-legati lilha imhollija.

4. Illi, *in linea* preliminari wkoll, in-nullita' u l-irritwalita' tal-azzjoni intentata mill-attrici *stante* illi mhuwiex car, specjalment fid-dawl ta' dak dikjarat fl-ghaxar u fil-hdax-il premessa tar-Rikors Guramentat, jekk l-attrici hux qed tintavola azzjoni ghal-likwidazzjoni, id-divizjoni u l-assenjazzjoni tal-attiv kollu tas-successjoni tad-decedut Carmelo Cini jew semplicement l-inforzar tad-dispozizzjonijiet testamentarji stipulati fit-testment *unica charta* addizzjonali fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood datat 3 ta' Dicembru 2008, xi haga li certament ma tistax issir *stante* illi l-eredita' hija *universitas rerum* u ma tistax issir kawza biex tintalab biss parti mill-eredita'.

5. Illi, *in linea* preliminari wkoll, din il-procedura kif intavolata mill-attrici hija irritwali u nulla wkoll ghaliex l-attrici naqset milli qabel xejn taghmel talba sabiex jigi dikjarat jekk l-ishma spettanti lill-werrieta komparenti f' din il-kawza jistghux jigu lilhom assenjati *in natura* jew inkella hemmx il-htiega tal-bejgh in licitazzjoni tal-proprjetajiet immobbli sabiex kull werriet ikun jista' jiehu s-sehem lilu spettanti mill-wirt tad-defunt Carmelo Cini.

6. Illi, sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, fil-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn id-defunt Carmelo Cini u l-attrici, il-likwidazzjoni ta' liema qed tigi mitluba f' din il-kawza, ghandhom jidhlu wkoll il-fondi kollha, inkluz depoziti bankarji, illi ottjeniet l-istess attrici sa mill-mument taz-zwieg taghha mad-defunt Carmelo Cini sa mewtu, inkluz ukoll kull frott civili u gwadann derivanti mill-beni parafernali taghha.

7. Illi, sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, u bla pregudizzju ghall-fatt li dan it-testment qed jigi impunjat bil-kawza fuq imsemmija fl-ismijiet 'George Cini et -vs- Francesca Saveria Cini' prezenta llum stess (*vide* Dok. 'A') id-dispozizzjoni fl-imsemmi testment *unica charta* addizzjonali fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood datat 3 ta' Dicembru 2008 li biha t-testatur Carmelo Cini halla lill-attrici b'titolu ta' legat in pjena proprejta` *"kwalsijasi somom ta' flus li ... jkun jippossjedi fil-gurnata ta' mewtu"* ma tfissirx illi l-imsemmi legat jinkludi wkoll id-depoziti bankarji illi kellu *d-decujus* fil-mument ta' mewtu, kif qed tippretendi l-attrici.

8. Illi, sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, il-konteggi maghmula mir-rikorrenti fid-dikjarazzjoni taghha prezentata mar-Rikors Guramentat huma ghal kollox errati u fallaci *stante* illi, *inter alia,* il-beni parafernali tal-istess rikorrenti ma jammontawx ghal 'krediti' li ghandhom jitnaqqsu mill-komunjoni tal-akkwisti *stante* li tali beni parafernali qatt ma gew imwahhda u qatt ma kienu jaghmlu parti mill-istess komunjoni tal-akkwisti.

9. Illi wkoll - dejjem sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost - fil-konteggi minnha maghmula fid-dikjarazzjoni taghha prezentata mar-Rikors Guramentat, l-attrici tiehu in konsiderazzjoni s-somma ta' €70,000 li hija ghandha tircievi *oltre* s-sehem taghha mill-bejgh (ipotetiku) tal-fond u garaxx bin-numri ufficjali 63 u 65, Triq il-Gdida, Hal Qormi meta tali hlas huwa soggett ghal event futur illi mhux necessarjament javvera ruhu - u cioe' l-bejgh tal-imsemmija immobbli matul hajjitha - u dan *di piu'* meta tali immobbli huma soggetti ghad-dritt ta' abitazzjoni moghtija *mid-decujus* lill-attrici bit-testment precedenti tas-7 t'Awwissu 2008 in atti Nutar Antoine Agius, liema dritt t'abitazzjoni l-attrici qatt ma rrinunzjat formalment ghalih.

10. Illi wkoll - dejjem sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost - fil-konteggi maghmula mill-attrici fid-dikjarazzjoni taghha prezentata mar-Rikors Guramentat gew imnizzla wkoll l-allegati krediti fis-somma ta' €25,548.57 imsemmija fil-kitba taz-zwieg meta dawn effettivament mhumiex dovuti, u dan kif se jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

11. Illi l-eccipjenti jridu illi huma jiehdu s-sehem lilhom spettanti mill-wirt tad-defunt Carmelo Cini skont id-dispozizzjonijiet tat-testment tal-istess Carmelo Cini tas-7 t'Awwissu 2008 in atti Nutar Antoine Agius u minghajr ebda obbligazzjoni da parti taghhom illi l-fond u l-garaxx bin-numri ufficjali 63 u 65, Triq il-Gdida, Hal Qormi jigu mibjugha u/jew likwidati matul il-hajja tal-istess attrici.

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jigu permessi skont il-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Gunju 2010 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Chris Cilia. Dr. Anna Mifsud Bonnici msejha tliet darbiet ma dehritx. Minhabba l-ewwel eccezzjoni, il-Qorti halliet l-kawza *Sine Die*.

Rat ir-rikors tal-attrici datata 13 ta' Ottubru 2010 (fol 35) fejn talbet lill-Qorti sabiex *ai termini* tal-Artikolu 964 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, terga' tqieghed mill-gdid il-kawza fuq il-lista tal-kawzi quddiem din l-Qorti; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u appuntat l-kawza ghall-14 ta' Dicembru 2010; ordnat notifika lill-kontro parti, u dan kif jidher bid-digriet moghti fil-15 ta' Ottubru 2010.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-23 ta' Gunju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Anna Mifsud Bonnici ghar-rikorrenti u Dr. Chris Cilia ghall-konvenuti, uhud minnhom prezenti fl-Awla. Xehed bil-gurament tieghu Lawrence Farrugia, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr. Cilia ddikjara li ma fadallux provi ulterjuri

f’dan l-istadju. Id-difensuri tal-partijiet kellhom jaghmlu nota konguntiva u ddikjaraw l-assi in divizjoni fejn hemm qbil dwarhom u ndikaw lill-Qorti dwar il-qbil taghhom rigward okkorrendo stejjem u qsim. Fuq talba tal-istess partijiet gew awtorizzati sabiex jipprezentaw in-noti ta’ osservazzjonijiet taghhom bil-miktub, tibda l-attrici li kellha tipprezenta n-nota taghha sat-30 ta’ Lulju 2015 u l-konvenuti kellhom sat-30 ta’ Settembru 2015 ghan-nota responsiva. Id-difensuri kellhom jindikaw fin-noti rispettivi taghhom prospett tal-assi li jkunu baqghu in kontestazzjoni. Id-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza setghet tibqa' differita ghas-sentenza minn dan il-verbal stess. Il-Qorti ghalhekk iddiferixxiet l-kawza ghas-sentenza ghad-29 ta’ Ottubru 2015 fid-9:30a.m.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 29 ta' Ottubru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Anna Mifsud Bonnici u Dr Chris Cilia ghall-intimati, prezenti Philip Cini u Carmela Farrugia, tnejn mill-intimati. Dr Anna Mifsud Bonnici prezentat nota ta' sottomissjonijiet b'kopja lid-difensur tal-kontro-parti *seduta stante*. Dr Cilia kien awtorizzat jipprezenta nota responsiva sat-30 ta' Novembru 2015. Id-difensuri qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza minn issa stess. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Jannar 2016 fid-9:30a.m.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata *seduta stante* fis-seduta tad-29 ta’ Otturbu 2015 (fol 335)

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tal-intimat George Cini et datata 30 ta’ Dicembru 2015 (fol 340)

Rat id-digriet tal-Qorti tal-21 ta' Jannar 2016 a fol 353 : illi peress li n-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-kovenuti telghet fis-Sigrieta gimgha ilu, il-Qorti ssospendiet l-prolazzjoni tas-sentenza, u ddifferitha ghas-sentenza ghall-25 ta' Frar 2016 fid-9:30am sabiex tkun tista' tiehu konjizzjonijiet ta' din in-nota.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Chris Cilia ghal-konvenut. Il-Qorti rreferiet ghad-digriet taghha tal-21 ta' Jannar 2016. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Frar 2016 fid- 9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza fejn l-attrici qeghda titlob il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm vigenti bejnha u d-decujus Carmelo Cini. L-attrici qeghda titlob ukoll il-likwidazzjoni tal-attiv tas-successjoni tad-decujus billi jigi dikjarat li l-flus kollha proprjeta` tad-decujus fil-mument tal-mewt tieghu huwa proprjeta` tal-attrici.

Il-konvenuti laqghu billi eccepew in-nullita` tar-rikors odjern fuq diversi binarji u cioe`:- Peress li ma saret ebda talba biex jigi likwidat l-attiv kollu tas-successjoni u jigi diviz f'hames porzjonijiet ugwali lill-intimati *stante*, li huma jridu jiehdu s-sehem spettanti lilhom mill-wirt tad-decujus Carmelo Cini. *Di piu`*, gie eccepit li l-attrici kellha qabel xejn taghmel talba biex tigi immessa fil-pussess tal-legati

mhollija lilha. Giet eccepita wkoll in-nullita` in kwantu, mhux car jekk l-attrici ntavolatx l-azzjoni ghal-likwidazzjoni, divizjoni u l-assenjazzjoni tas-successjoni jew ghall-infurzar tad-dispozizzjonijiet testamentarji fit-testment *unica charta* addizzjonali. Opponew ukoll billi qalu li ma saritx talba mill-attrici sabiex jigi dikjarat jekk l-ishma spettanti lill-werrieta, jistghux jigu assenjati lilhom *in natura*, jew hemmx htiega ta' bejgh b'licitazzjoni tal-proprjetajiet immobbli.

Illi gie sostnut ukoll sussidjarjament fil-mertu li d-dispozizzjoni testamentarja kif imnizzla, ma tfissirx li l-imsemmi legat jinkludi wkoll id-depozitu bankarji li kellu d-decujus, u *in linea* ma' dan gie eccepit li l-konteggi maghmula mill-attrici fir-rikors promotur huma erronji.

**Fatti:**

Il-fatti mhumiex ikkontestati. L-attrici izzewget lill-Carmelo Cini, gja armel minn Ludgarda Cini nee` Grech fl-1 ta' Dicembru 1985. Minn dan l-ewwel zwieg kellu sebat itfal. Kien improle mit-tieni zwieg mal-attrici. L-attrici u zewgha ghamlu kuntratt ante nuzzjali fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius fid-29 ta' Novembru 1985 fejn iddikjaraw il-beni rispettivi taghhom. Wara z-zwieg taghhom, ir-regim patrimonjali kien il-komunjoni tal-akkwisti.

Sar testament *unica charta* fis-7 ta' Awwissu 2008 fejn gew diseredidati tlieta minn ulied Carmelo Cini. Fl-istess testment, halla b'titolu ta' legat lill-attrici d-dritt ta' abitazzjoni fid-dar 63, u 65 Triq il-Gdida Qormi, u tnizzlet kondizzjoni li jekk l-eredi jbieghu d-dar qabel il-mewt tal-

attrici, huma obbligati jhallsu l-ammont ta' hamsin elf ewro (€50,000) oltre sehemha.

Jirrizulta li sussegwentement sar testament *unica charta* addizzjonali fit-3 ta' Dicembru 2008 biex tbiddlet il-kondizzjoni msemmija hawn fuq, fis-sens li jekk l-eredi jbieghu d-dar u l-garage 63, u 65, f'Hal-Qormi, huma obbligati jhallsu lill-attrici s-somma ta' sebghin elf ewro oltre sehemha. (fol 8-9). Inoltre fl-istess legat halla lill-attrici "*in piena proprjeta` kwalsiasi somom ta' flus li jkun jippossjedi t-testatur fil-gurnata ta' mewtu."*

Carmelo Cini miet il-Pieta, Malta fit-30 ta' Dicembru 2008.

L-intimati pprocedew kontra l-attrici f'kawza ohra quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, biex jimpunjaw it-testment addizzjonali ta' Carmelo Cini. Illi dan il-kaz gie deciz fil-21 ta' Frar 2014, fejn gie ritenut li Carmelo Cini kellu l-kapacita` testamentarja rikjesta skont l-artikolu 597 tal-Kap 16. L-ewwel eccezzjoni hija ghalhekk sorvolata.

**Xhieda rilevanti:**

**Fracesca Saveria Cini** xehdet (b' affidavit fol 100-105) li hi zzewget lil Carmelo Cini fl-1 ta' Dicembru 1985, li miz-zwieg precedenti kellu sebat itfal. Qalet li huwa kellu kumpanija C.Cini & Sons u kien trasferixxa xi ishma fuq uhud mit-tfal u esebiet dok FC1 (a fol 106) - *statement* li r-ragel taghha kien baghat lil Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici dwar l-inkwiet mat-tfal tieghu. Semmiet li f'Marzu 2008, marru joqghodu Villa Messina, minhabba l-istat ta' sahha taghhom u esebiet certifikat mediku taghha a fol 107.

Esebiet ukoll affidavit miktub mir-ragel taghha qabel it-testment tas-7 ta' Awwissu 2008. (fol 108-109). Hija esebiet ukoll Dok FC4 (fol 110-112) *draft* ta' testment li kien lesta ghand in-Nutar it-tifel tieghu Philip sabiex jigi ffirmat mir-ragel, izda Carmelo Cini ma kien iffirma xejn. Qalet li meta marru joqghodu Villa Messina, it-tfal tieghu ma kinux jigu regolarment, izda kien jigi Philip u r-ragel kien ighidilha li ibnu kien ikellmu fuq il-wirt. Qalet ukoll li t-tfal tieghu diga ppruvaw jattakaw it-testment permezz ta' kaz fejn gie deciz li r-ragel taghha kien jaf x'qed jaghmel meta kiteb it-testment.

**Joseph Caruana** (fol 122-123[1]) (fol 286-287[2]) xehed li fir-rigward ta' Carmelo Cini kien hemm tlett kontijiet, tnejn jirrizultaw li nghalqu u fadal biss kont wiehed miftuh b'bilanc zghir. U esebixxa l-i*statements* bankarji (fol 117-119).

Fir-rigward ta' Francesca Saveria Cini qal li ghandu l-i*statements* imma mhux it-tranzazzjonijiet kollha peress li kien hemm xi "corrupted data", u d-dokumenti gew esebit minn fol 127 sa 282.

**Melissa Mamo** (fol 284-285[3]) xehdet li jezisti *account number* fuq Francesca Saveria Cini konsistenti f'BOV plc *ordinary shares* li nfetah fit-30 ta' Dicembru 2008 u hadet *bonus shares* fl-2003, 2006 u 2008. Esebiet il-bilanc li jidher f'dan il-kont fid-dokument a fol 238.

---

[1] Seduta tad-9 ta' Ottubru 2014
[2] Seduta tas-27 ta' Novembru 2014
[3] Seduta tas-27 ta' Novembru 2014

**Audrey Ghigo** (fol 288[4]) qalet li mir-ricerka li saret ma nstab l-ebda kont fuq Francesca Saveria Cini.

**Arnold Cini** (affidavit a fol 297-298**)** xehed li hu bin il-mejjet Lino Cini, u li cahad kategorikament l-insinwazzjoni tal-attrici li wlied Carmelo Cini kienu hatja ta' mbroll kontrih, izda li seta' ighid zgur hu li bit-testment tieghu Carmelo Cini kien iddizeredita lil uliedu l-ohra li mhumiex parti f'din il-kawza. Hu sostna li l-attrici m'ghandha ebda jedd fuq l-uzufrutt li gawda minnu n-nannu Carmelo Cini konsegwenza ghall-sehmu mill-komunjoni mal-ewwel mara tieghu, u ghalhekk ikkontenda li nofs dak li ghamlet l-attrici matul iz-zwieg taghha man-nannu li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, jappartjeni lill-intimati bhala werrieta tieghu.

**Philip Cini** xehed (b' affidavit fol 305-306), xehed li dejjem hareg lil Carmelo Cini u lill-attrici, u meta kien marid u kien se jmut baqghu mieghu l-isptar lejl u nhar. Qal li d-defunt Cini kien ighidlu li Francesca Saveria trid kollox hi. Semma wkoll li Carmen Farrugia dejjem hadmet ghal missierha anke minghajr hlas. Spjega li n-Nutar Agius kien tah karta ssigilata f'envelope u hu ghaddiha lil missieru ghar-rigward ta' dak li ntqal mill-attrici fir-rigward tad-*draft* ta' testament. Qal li missieru Carmelo Cini ma kienx f'sikktu u kien jiccassa l-hin kollu, kien imur regolarment jarah Villa Messina. Xehed ukoll li ma jistax jifhem ghaliex il-*files* medici ta' Carmelo Cini li kienu jirriflettu l-istat ta' sahha tieghu ma nstabux.

[4] Seduta tas-27 ta' Novembru 2014

**Carmen Farrugia** xehdet (b'affidavit fol 305-306) li hi u zewgha kienu johorgu lil missierha Carmelo Cini u lil martu Francesca Saveria. Semmiet li fl-eta` ta' disgha u hamsin sena kienet ghaddeja minn trattament mediku minhabba marda u Francesca Saveria xorta kienet tqabbadha taghmel xoghlijiet bhal tahslilha l-faccata tad-dar, u meta rrifjutat minhabba l-istat ta' sahhitha, kienet irrabjat maghha. Qalet li mhux minnu li huma abbandunaw lil missierhom ghax kienu jmorru jarawh regolarment.

**Lawrence Farrugia** (fol 318-323[5]) ufficjal fil-Valletta Fund Management, xehed li f'isem Carmelo Cini hemm 'fund' wiehed li bhala valur illum ghandu disghin elf, tmien mija, seba' u sebghin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€90,877.47). U esebixxa Dok VFM1 li juri dan. Huwa qal li l-kumpanija Vilhena Management Fund infethet fl-1995 u ghalhekk dawn il-funs kollha nfethu wara l-1985, u cjoe` d-data taz-zwieg tal-konjugi Cini. Qal li f'isem Francesca Saveria Cini hemm l-ammont ta' mija u tmienja u tmenin elf, erba' mija u hamsa u tmenin ewro u erba' centezmi (€188,485.04) li jidher f'Dok VFM 2 esebit. Qal li meta gew imsarrfa, ittiehed l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf, mija u sittin ewro (€21,160) u aktar tard ittiehed l-ammont ta' ghoxrin elf u hamsa u hamsin ewro (€20,055), hekk kif jidher f'Dok VFM 3. U fl-ahhar ghandu notament li ttiehdu l-ammont li jidher ta' elf, tmien mija u sebgha u sittin ewro u hamsa u disghin centezmu (€1,867.95) ghall-funeral, hekk kif jirrizulta minn Dok VFM 4 esebit.

## <u>Eccezzjonijiet Sollevati</u>

[5] Seduta tat-23 ta' Gunju 2015

L-intimati eccipew in-nullita' tal-azzjoni u dan minhabba diversi ragunijiet konsistenti fis-segwenti:-

- it-talba ghal-likwidazzjoni tal-attiv tas-successjoni tad-*decujus* hija wahda parzjali, limitata ghall-flus li kellu;
- li l-attrici ma ghamlitx talba ghall-immissjoni fil-pussess tal-legat lilha mhollija;
- li t-talbiet maghmula mhumiex cari ghar-raguni fuq spjegat;
- li l-attrici naqqset li titlob dikjarazzjoni jekk l-ishma jistghu ikunu assenjati *in natura* lill-werrieta, jew jekk jenhtiegx il-bejgh in licitazzjoni;

**Nullita' tal-Att**

Il-gurisprudenza fil-materja hija ormai assodata u din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha, fejn hu possibbli, tiffavorixxi l-validita' tal-att u tal-azzjoni gudizzjarja.

Hekk fis-sentenza minnha moghtija fit-30 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet **"Michael Micallef vs Louis Mamo et"** dina l-Onorabbli Qorti qalet testwalment hekk:-

*"L-Artikolu 156(1) tal-Kap.12 jipprovdi li c-citazzjoni (illum ir-rikors mahluf) ghandu jkun fiha:*
*(a) tifsir car u sewwa ta' l-oggetti u r-raguni tat-talba; u*
*(b) it-talba u t-talbiet.*

Din id-disposizzjoni tal-ligi nghatat fil-gurisprudenza interpretazzjoni wiesgha fis-sens li ma gietx adottata l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi. Hekk fis-sentenza '**Moore noe vs Falzon et'** (Prim'Awla tal-Qorti

Civili PA/AM, 15 ta' Dicembru 1995) kien deciz li – *"Ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista' tkun anki dedotta mid-domanda" (**Kollezz. XXXIV.II.502, XXIX.I.431 u XXXII.I.228**)".* Ara ukoll **Mario Mizzi noe et v Mario Grech noe et** (PA-PS - 3 ta' Ottubru 2003) fejn din il-gurisprudenza tinsab ukoll iccitata.

Hekk ukoll inghad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza '**Bonnici vs Zammit noe'** deciza fl-20 ta' Jannar 1986 fejn it-tifsira ta' l-Artikolu 156(1) kienet spjegata hekk*:* – *"Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parti ta' l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta' l-Artikolu 155 (1) (illum 156 (1) tal-Kap. 12) u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata".*

"*Il-prassi segwita mill-Qrati taghna, anke a bazi ta' l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluz l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 hija li 'formalizmu ezagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh' ('**Fino vs Fabri noe'** – Qorti tal-Appell – 28 ta' Frar*

*1997) u konsegwentement 'l-atti ghandhom jigu salvati anziche annullati jew dikjarati nulli' ('***Ellul vs Coleiro'** *– Qorti tal-Appell – 24 ta' Jannar 1994)*."

Illi l-ligi nostrana titkellem car meta citazzjoni ghandha tigi dikjarata nulla. **L-Artikolu 789 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** jistipula illi:

*"(1) L-eccezzjoni ta' nullità ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata:*

*(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-ligi espressament;*

*(b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti;*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:*

*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.*

*(2) L-eccezzjoni ta' nullità ta' att, taht il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghat taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullità".*

Ir-rigorozita' formali, kif jirrizulta mill-gurisprudenza ccitata, giet temperata tul is-snin sabiex "*issir gustizzja sostanzjali fil-mertu tal-kaz" (***Michael Attard nomine vs Raymond** Galea - Q.A.,deciza fit-12 ta' Mejju, 1998) u *"kif gie ritenut*

*minn dawn il-Qrati, ir-rigorozita' procedurali, u il-formalizmu esagerat rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza"* (**Aquilina vs Cassar** – Vol. LXXVI.iv.666). (Ara wkoll **James Demanuele v Elena Maria Felice** (PA - RCP - dec.30 ta' April 2002 u l-gurisprudenza hemm traccjata).

Illi l-emendi li saru fil-ligi bl-**Att XXIV tal-1995**, huma mmirati proprju ghalhekk, ghaliex huwa bl-istess tibdil ovvju li l-interess tal-gustizzja fil-kaz in partikolari jigi moqdi generalment biss b'decizjoni fuq il-punt sostantiv tal-kawza, u dak huwa dak li fil-verita' l-partijiet ikunu qed ifittxu. Ir-regoli tal-procedura jezistu biex jipprovdu l-ahjar triq sabiex id-dritt sostantiv ikun jista' jingieb bl-ahjar u bl-izjed mod spedjattiv ghall-konferma tieghu, u dan *entro* l-limiti tal-ligi, u sabiex l-istess dritt ma jkunx jista' jigi abbuzat.

Dan kollu premess tibda biex tissenjala li l-mod kif r-rikors guramentat hu redatt mhu xejn felici partikolarment tenut kont dak dikjarat fl-ghaxar u fil-hdax-il premessa tar-Rikors Guramentat u t-talbiet dedotti. Madanakollu mhix tal-fehma li dan in-nuqqas ghandu iwassal ghall-akkoljiment tal-eccezzjonijiet preliminari.

Ikkonsidrat li minn dak li jirrizulta fl-atti, ma hemmx kontestazzjoni dwar is-sustanza tal-assi ereditarju tad-decujus, li jikkonsistu f'assi immobbli, kif ukoll depoziti bankarji u ghamara u oggetti mobbli li jinsabu fid-dar ta' residenza tal-konjugi Cini. Il-kontestazzjoni kollha hija dwar il-legat ta' "*somom ta' flus* " imhollija mid-defunt Carmelo Cini b'legat *in piena* proprjeta' lil martu permezz tat-

testment addizzjonali *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood tat-3 ta' Dicembru 2008.

Ghalkemm fl-10 premessa fir-rikors guramentat, l-attrici qed tghid li fost ohrajn, riedet li l-flus iddepozitati fil-banek jigu trasferiti lilha, ppremettiet ukoll li "*ghalhekk ir-rikorrenti ma tixtieqx tibqa' fi stat ta' koproprjeta' mal-konvenuti."* (il-hdax-il premessa).

Dan iwassal sabiex il-Qorti tifhem li l-attrici ressqet il-kawza odjerna fil-vesti taghha ta' werrieta *pro indiviso* u mhux ta' legatarja u hija b'din l-ottika li ser tkompli tittratta t-talbiet fid-dawl tal-eccezzjonijiet sollevati.

Il-kwistjoni tibqa' jekk il-mankanzi rizultanti fil-mod kif ir-rikors guramentat huwa fformulat necessarjament iwasslu ghan-nullita' tal-istess kif iridu l-intimati.

Fil-kaz odjern ir-rikorrenti talbet is-sewgenti:

1. il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn id-decujus u r-rikorrenti armla;
2. il-likwidazzjoni tal-attiv tal-assi ereditarju "*billi tiddikjara li l-flus kollu li kienu proprjeta' tad-decujus fil-mument tal-mewt tieghu huma proprjeta' tar-rikorrenti."*
3. Nomina ta' Nutar biex "*jippubblika l-att ta' divizjoni."*

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina l-eccezzjonijiet separatament.

**It-Tieni Eccezzjoni -** Nullita' *stante* li r-rikorrenti qed titlob l-likwidazzjoni parzjali tal-assi ereditarju.

Illi gie eccepit fit-tieni eccezzjoni li l-kawza hija nulla *stante* li ma saret l-ebda talba biex jigi likwidat l-attiv kollu tas-successjoni ta' Carmelo Cini u dan sabiex ikun jista' jigi diviz f'hames porzjonijiet ugwali ghas-sehem ta' kull wiehed mill-werrieta. Jigi rilevat li t-tieni talba tal-attrici fir-rikors promotur hija biex tillikwida l-attiv tas-successjoni tad-decujus billi jigi dikjarat li l-flus kollha proprjeta` tad-decujus fil-mument tal-mewt tieghu jghaddu lir-rikorrenti.

Illi huwa principju assodat fil-giurisprudenza taghna li ma tistax tintalab qasma parzjali ta' gid ereditarju.

Illi "*Meta tigi ezercitata l-azzjoni ghall-qasma ta' assi ereditarju ghandu jingieb ghall-qasma dak kollu li jidhol f'dak l-assi, b'mod illi m'ghandu jibqa' xejn indiviz minn dak li jidhol f'dak l-assi. Ghalhekk, fil-likwidazzjoni preordinata ghall-qasma ghandhom jigu migjuba l-beni kollha formanti parti mill-assi; ghax divizjonijiet parzjali ma humiex permessi jekk ma jkunx hemm il-kunsens tal-kondividenti kollha li jhallu in komun xi haga li ghandha tkun espressament u partikolarment indikata. Ghaldaqstant jekk l-assi ereditarju li tieghu tintalab il-qasma jkollu sehem minn assi ohra li ghad ma gewx likwidati, dak l-assi ma jistax jigi likwidat u maqsum qabel ma ssir il-likwidazzjoni ta' dawk l-assi l-ohra biex jigi stabbilit is-sehem li minn dawk l-assi l-ohra jmiss is-sehem li tieghu tintalab il-qasma*[6]*".*(Ara wkoll il-kawza fl-**ismijiet Tereza Farrugia et vs Giuseppe Camilleri et**[7] u **Maria mart Edgar Vassallo**

[6] Assunta Chircop vs Pawlu Calleja et, Appell Civili deciz fit-12 ta' Novembru 1951, Vol 35A, P1, Section 1, Pg 188
[7] Appell Civili 722/2001PS deciz fl-10 ta' Marzu 2004

**et –vs- Emmanuele Vella**, *Appell, Sede Inferjuri, 12 ta' Marzu 1979 )*

Kif jinsab ukoll pacifikament akkolt fuq l-insenjament tal-**Laurent** ("Principii di Diritto Civile" Vol X para 291) *"l-uniku mezz li kien ikun validu ghall-effettwazzjoni ta' qasma parzjali kien ikun il-kunsens unanimi tal-kollitiganti – f'liema kaz biss ir-regola li divizjoni parzjali mhix ammissibbli ccedi l-kamp di fronte ghall-volonta` unanimi ta' l-interessati"* (Kollez Vol XXXV pI p458)." Ovvjament dan l-akkordju huwa ghal kollox nieqes fil-kawza prezenti.

Illi dan il-principju legali jikkonforta t-tezi tal-intimati imfissra bit-tieni eccezzjoni taghhom f'kaz li jirrizulta li bil-kawza odjerna, r-rikorrenti qed titlob biss li jigu spigolati mill-assi ereditarju d-depoziti bankarji.

Izda l-Qorti ma tarax li ghandha tasal ta' bilfors ghal din il-konkluzjoni.

L-ewwel talba attrici, ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti mhix wahda irregolari u inammissibbli billi l-likwidazzjoni tal-assi ereditarju tad-decujus necessarjament jitlob li sehemu mill-komunjoni tal-akkwisti jigi accertat u likwidat.

It-tieni talba attrici li holqot l-inkwiet kollu bejn l-eredi tiftiehem fis-sens li l-legat imholli lill-attrici huwa kreditu kontra l-eredita'. L-accertament tal-legati mhollija huwa wkoll parti mill-ezercizzju ta' likwidazzjoni li ghandu jsir minn din il-Qorti. Madanakollu l-funzjoni tal-Qorti f'dina l-

kawza trid tieqaf hemm billi f'din il-kawza ma hemmx talba ghall-immissjoni fil-pussess tal-legat.

**It-Tieni eccezzjoni ghalhekk qed tigi michuda.**

**It-Tielet Eccezzjoni -** Nullita' *stante* li l-attrici naqqset li titlob l-immissjoni fil-pussess tal-legat.

L-artikolu **726** tal-Kap 16 ighid:

1) *"Il-legatarju ghandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-haga mhollija legat."*
2) *"Fil-kaz ta' beni immobbli l-legatarju jista' jitlob li l-ghoti ta' dak il-pussess isir permezz ta' att pubbliku."*

Hawnhekk, hu relevanti dak li ntqal fil-kaz **"S.Briffa et vs C.Scicluna",** P.A. – 26 ta' Gunju 1959, "*Ghandha ssir distinzjoni bejn il-pussess ta' legat u l-proprjeta` tal-istess legat; ghax il-pussess jghaddi 'per modum continuationis' fl-eredi, u jkun l-identiku pussess li kellu d-decujus fil-gurnata tal-mewt tieghu, u ghalhekk il-legatarju hu obbligat jitlob il-pussess lill-eredi, mentri l-proprjeta`, jew id-dritt ghall-haga legata, ssir tal-legatarju mill-gurnata tal-apertura tas-successjoni bis-sahha unikament tad-dispozizzjoni testamentarja, minghajr in-necessita` ta' ebda att da parti tal-legatarju, u sahansitra ad insaputa tieghu, u kwindi indipendentement mill-immissjoni tieghu fil-pussess tal-legat."*

Legatarju sa mill-mewt tat-testatur, huwa paragunat bhala 'kreditur' tal-wirt. Dan ifisser li l-legatarju sakemm jinghata l-pussess tal-legat jista' xorta jikawtela l-interessi tieghu.

Legatarju li ma jkunx inghata pussess tal-oggett tal-legat jista' jitqies bhala kreditur li ghandu l-kreditu tieghu soggett ghall-kondizzjoni li tiddependi minn grajja li ghad trid tigri; l-immissjoni fil-pussess. U skont l**-artikolu 1062 tal-Kodici Civili**, kreditur jista' qabel ma ssehh il-kondizzjoni, jaghmel l-atti kollha mehtiega biex izomm il-jeddijiet tieghu. (Ara **"Angela Magro vs Angelo Magro et"** P.A. deciza fit-2 ta' Ottubru 2012, u **"Giovanna Farrugia et vs Carmelo Farrugia",** P.A. deciza fit-12 ta' Novembru 2013).

Hekk kif inghad fil-kawza **"Joseph Borg vs Emanuel Vella et"** Appell Civili, deciz fit-3 ta' Marzu 1995, **LXXIX.ii.337:**

*"L-immissjoni fil-pussess tal-legat hija 'c-cavetta' tal-istitut kollu. L-immissjoni fil-pussess tista' tinghata jew espressament jew tacitament, u jinghad li hemm immissjoni fil-pussess tacita meta l-legatarju jiehu pussess materjali tal-oggett u l-eredi ma jaghmilx oppozizzjoni.."*

Fil-kaz in dizamina, huwa ovvju li m'hemmx dan l-immissjoni fil-pussess tacitu ghaliex kif hemm spjegat fl-ghaxar paragrafu tar-rikors promotur, Francesca Saveria Cini ppruvat timplimenta dak li hemm imnizzel fit-Tielet Artikolu tat-testment *unica charta*, partikolarment li l-flus huma ddepozitati fil-banek jigu trasferiti f'isimha, izda l-konvenuti qeghdin jopponu li jsir dan.

Illi permezz tal-kawza odjerna, qed jintalab li l-attrici ma tridx tibqa' fi stat ta' komproprjeta` mal-konvenuti. Ghalhekk, qed jintalbu l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-attiv tas-successjoni ta' Carmelo Cini. Huwa

minnu li ma ntalabx li hija tigi mmessa fil-pussess. Izda, *in vista* ta' dak enuncjat fil-gurisprudenza nostrana, u fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ma jannullax ir-rikors odjern, proprju ghaliex legat huwa kreditu favur il-legatarju. Tenut kont ta' dawn il-principji, u *in vista* ta' dak li gja inghad**, tichad it-tielet eccezzjoni.**

**Ir-raba' Eccezzjoni -** Nullita' *stante* nuqqas ta' carezza fit-talbiet.

Din l-eccezzjoni, ghall-istess ragunijiet, ser tigi michuda.

**Il-Hames Eccezzjoni-** Nullita' *stante* mankanza ta' talbiet konnessi mad-divizjoni tal-assi.

Illi riferibbilment ghal din l-eccezzjoni, il-Qorti tqis li t-tielet talba attrici hija *non sequitur* ghall-ewwel zewg talbiet antecedenti.

Din it-tielet talba mhix sorretta mit-talbiet precedenti li jimmiraw biss lejn il-likwidazzjoni tal-assi ereditarju minghajr ma hemm talba preordinata ghad-divizjoni tal-assi.

Illi t-talbiet li jridu jigu proposti f'kawza' ghad-divizjoni huma tlieta - l-likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni tal-assi. Fil-kawza odjerna filwaqt li tirrizulta l-ewwel talba, t-tieni hija mankanti ghal kollox filwaqt li t-tielet talba hija prezenti biss fl-ahhar fazi taghha fejn qed jintalab li l-qasma tigi formalizzata skont il-ligi b'att notarili.

Inghad li "*Fost il-prinċipji li jirregolaw il-qasma ta' ġid in komun, wieħed isib li (a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta' ġid in natura*[8]*, (b) f'kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita' ta' mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur*[9] *u (ċ) li l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs*."[10] (**Emmanuela Jeffries et. v Raymond Jeffries et.** (PA- JRM -dec. fit-28 ta' Novembru 2013. S'intendi, il-legislatur ried ukoll li f'kaz li ma tistax issir divizjoni bejn l-eredi skont l-ishma rispettivi taghhom, allura jibqa' r-rimedju ta' licitazzjoni li tista' dejjem tigi ordnata mill-Qorti f'kawza ta' divizjoni.

Huwa evidenti li t-tielet talba attrici, kif ifformulata, ma tistax treggi izda b'hekk dan m'ghandux iwassal ghan-nullita' tal-att. L-improponibbilita' tat-tielet talba ma tirrendix null l-att gudizzjarju promotur fis-shih billi l-ewwel zewg talbiet jistghu jigu indirizzati .Madanakollu u billi jidher min-nota tal-intimati li hemm qbil dwar id-divizjoni koncernanti qabar proprjeta' tal-konjugi Cini, il-Qorti ser tillimita ruhha biss biex tordna d-divizjoni tas-sehem ereditarju mill-qabar li huma parti mill-assi tal-komunjoni u dan sabiex jigi evitat disgwid bejn il-werrieta fil-futur.

**Il-hames eccezzjoni hija ghal din ir-raguni michuda.**

**Fil-Mertu**

[8] Art.502 tal-Kap.16
[9] Art.504 tal-Kap.16
[10] Art. 510(1) tal-Kap 16

L-komunjoni tal-akkwisti gja esistenti bejn il-konjugi Cini giet stabbilita bhala r-regim li jirregola l-gid matrimonjali taghhom waqt iz-zwieg.

Carmelo Cini kien gja armel mill-ewwel zwieg u fl-att *ante* nuzzjali tad-29 ta' Novembru 1985 l-gharajjes Carmelo u Francesca, allura xebba Callus, ddikjaraw il-beni parafernali taghhom konsistenti fis-segwenti:-

**Assi Parafernali ta' Carmelo Cini**

i. Nofs (1/2) indiviz tad-dar b'*garage* 72 u 73 (issa 63 u 65) fi Triq il-Gdida Hal-Qormi;

ii. Nofs (1/2) indiviz tal-fond numru 4 u 5 fi Sqaq Zenqa, Hal-Qormi;

iii. Nofs (1/2) indiviz tal-ghamara li jinsabu fid-dar li qieghda fi Triq il-Gdida, Hal Qormi;

iv. Il-kreditu tieghu kontra s-sitt uliedu ammontanti ghal hamsa u ghoxrin elf hames mija tmienja u erbghin ewro u sebgha u hamsin centezmi (€25,548.57);

v. L-uzufrutt tal-affarijiet imsemmija minn (i) sa (iv) u l-uzufrutt ta' sitta u tletin elf sitt mija sebgha u tmenin ewro u tlieta u sittin centezmi (€36,687.63).

**Assi Parafernali ta' Francesca Saveria Cini**

a) Oggetti prezjuzi tal-valur ta' hamest elef hames mija tnejn u disghin ewro u tlieta u tmenin centezmi (€5,592.83);

b) Ghamara u oggetti tal-valur ta' elf mija erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmi (€1,164.69);

c) Flus depozitati fil-Bank of Valletta li jammontaw ghal disat elef hames mija u sebgha u tletin ewro u tmienja u tmenin centezimi (€9,537.88);

d) *Bearer account* nru. 150083 li jammonta ghal disat elef tliet mija u sbatax-il ewro u disgha u erbghin centezmi (€9,317.49);

e) *Bearer account* nru. 150113 li jammonta ghal disat elef tliet mija u sbatax-il ewro u disgha u erbghin centezmi (€9,317.49);

f) Flus kontanti ammontanti ghas-somma ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmi (€11,646.87).

Il-komunjoni tal-akkwisti jikkonsisti f'dak kollu li gie akkwistat mill-konjugi Cini fit-termini tal-**artikolu 1320 tal-Kodici Civili**.

Wara li ezaminat l-atti l-Qorti hija f'pozizzjoni li tillikwida l-komunjoni skont is-segwenti:

## I Immobbli

1/2 indiviz minn qabar fic-cimiterju ta' Hal Qormi [11]
1/6 indiviz minn qabar numru 234 Sezzjoni B, fic-cimiterju tal-Madonna tal-Karmnu fi Triq Blat il-Qamar l/o Siggiewi denunzjat b'dikjarazzjoni *causa mortis* addizzjonali datat it-18 ta' Mejju 2015 fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien.

[11] Idddenunzjat fid-dikjarazzjonni *causa mortis* tal-25 ta' April 2009 in atti Nutar Dottor Patrick Critien.

**L-attrici** ssostni li z-zewgt idjar u l-garaxx f'Hal Qormi jappartjenu kwantu ghan-nofs (1/2) indiviz lill-komunjoni tal-akkwisti (Dikjarazzjoni a fol 5 tal-process). Izda dawn huma assi parafernali tad-decujus u sehemu ta' nofs (1/2) minn dawk il-proprjetajiet hija s-sehem spettanti lilu mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti li kellu mal-ewwel mara tieghu premorjenti. Difatti, bit-testment *unica charta*, gie mholli lill-attrici legat ta' abitazzjoni fuq id-dar u garaxx 63 u 65 fi Triq il-Gdida Hal Qormi fejn iddikjara fit-testment li jaf li l-oggetti legati lil martu ma jappartjenux kollha lilu izda jappartjenu wkoll lill-eredi tal-ewwel mara tieghu Ludgarda Cini.[12]

## II Mobbli

### (i) Ghamara

Ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni dwar il-mobbli u hu pacifiku li l-mobbli li nstabu fid-dar tat-testatur huma dawk soggetti ghad-dritt ta' uzufrutt imholli b'legat lir-rikorrenti.

### (ii) Flus u Depoziti Bankarji

Komprizi fil-komunjoni tal-akkwisti huma d-depoziti bankarji li jirrizultaw kemm f'isem id-decujus kif ukoll f'isem ir-rikorrenti li infethu mill-1 ta' Dicembru 1985 sat-30 ta' Dicembru 2008. Mill-assi tal-komunjoni r-rikorrenti ghandha tippreleva l-krediti parafernali taghha skont kif hawn imfisser. Mill-provi jirrizultaw depoziti bankarji fil-Bank of Valletta plc f'isem iz-zewg konjugi, kif ukoll investimenti f'isem ir-rikorrenti mal-Malta Stock Exchange u investimenti mal-Vilhena *Funds* SICAV plc f'isem *The Heirs of the Late*

[12] Testment addizzjonali fejn l-Artikolu 3 gie sostitwit datat it-3 ta' Dicembru 2008.

*C Cini* **(DOK VFM1)**u f'isem Francesca Saveria Cini (**DOK VFM2).**

Mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti kontijiet li kienu jidhru ghadhom miftuha sakemm id-decujus kien ghadu haj u fl-ammont mehud sad-data tal-mewt tieghu. Wara din id-data kull akkrexximent jappartjeni lill-*account holder* u mhux lill-komunjoni tal-akkwisti u cioe`:-

**F'isem id-Decujus:**

BANK OF VALLETTA p.l.c. € 0.40c[13]

**F'isem ir-Rikorrenti**

Kien hemm tmien (8) kontijiet li minnhom erbgha jirrisultaw li kienu ghadhom miftuha fid-data tal-mewt tad-decujus. Dawn infethu fiz-zwieg mir-rikorrenti.

**BOV plc**

- Short term deposit Lm3000[14] u cioe` €6988.12
- GBP account GBP 1910.82[15]
- Savings Account €18,795.56[16]
- GPB BOV1 Equity Linked Deposit GBP21,000[17]

**(iii) Investimenti**

F'Isem *The Heirs of the late C CINI:*

---

[13] Dok GC1 esebit man-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati.
[14] Fol 127
[15] Valur mejud mill-i*statement* a fol 204 ghall-perjodu 1/10/08 - 31/12/08
[16] *Statement* a fol 253 li juri l-bilanc fit-29 ta' Dicembru 2008
[17] *Statement* a fol 279 datat 19 Nov. 2008

-Vilhena *Funds* SICAV plc - (VFM1) valur ta' €90,877.74

F'isem ir-Rikorrenti

- MSE a/c 144509 BOV plc *ordinary shares* 3551 ishma[18]
- Vilhena *Funds* SICAV plc - (VFM2) - valur ta' €188,485.04

Jirrizulta mix-xhieda ta' Lawrence Farrugia, *Investment officer* fil-Valletta Fund Management, li l-*funds* infethu kollha wara z-zwieg u cjoe` wara l-1985, inkluz dawk li jinsab unikament f'isem Francesca Saveria Cini. Ghaldaqstant, dawn l-ammonti li jidhru **f'Dok VFM1 u VFM 2** ghandhom jigu nkluzi fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, *stante* li jiffurmaw parti mill-komunjoni proprju ghax sar wara z-zwieg.

Il-valur muri fid-dokument **VFM1** huwa ta' €90,877.74.
Il-valur muri fid-dokument **VFM2** huwa ta' €188,485.04

Jirrizulta wkoll mid-dokument esebit a fol.262 tal-process li kien hemm ukoll f'isem l-attrici investiment bl-isem **La Vallette Multi Manager Property Fund** li meta inghalaq fl-10 ta' Lulju 2011 kellu valur ta' **€41,215.90.** Il-Qorti hawnhekk taqbel mas-sottomissjoni tal-intimati li din is-somma ghandha wkoll tigi komputata mal-assi tal-komunjoni billi, kif ser jigi deciz 'il quddiem, dan jirrapprezenta *maturity value* ta' investimenti li m'ghandux jifforma parti mill-legat imholli lir-rikorrenti. Dan kollu b'applikazzjoni tal-**artikolu 1321(1) tal-Kap 16** skont liema l-beni kollha li l-mizzewgin ikollhom jew parti minnhom

[18] Dokument a fol 283

kollha jitqiesu li jaghmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx ippruvat xort'ohra.

Issa, fir-rigward ta' qligh minn frott ta' beni parafernali tal-attrici, m'hemm l-ebda prova ta' dan mill-atti. **L-Artikolu 1320(e)** tal-Kodici Civili jsemmi li l-frott tal-beni parafernali ghandu jidhol fil-komunjoni.[19]

Madankollu in mankanza ta' prova, il-Qorti ma tistax tidhol f'din il-kwistjoni. Kien jinkombi fuq l-intimati li jgibu din il-prova. Il-Qorti ghandha biss dawk id-dokumenti esebiti li minnhom jirrizultaw id-depoziti fuq elenkati.

**Krediti Parafernali tar-Rikorrenti u Debitu dovut lill-eredi ta' Carmelo Cini**

Minn dawn l-ammonti ghandu jitnaqqas favur ir-rikorrenti, l-kreditu parafernali taghha fl-ammont komplessiv ta' **€39,819.73** rapprezentanti l-flus depozitati f'isimha kif iddikjarati fil-kitba taz-zwieg. Is-sistema ta' *bearer deposits* spicca u ghalhekk bilfors kellhom jissarrfu fiz-zwiegu jithalltu mal-assi tal-komunjoni.(**art 1321(2) tal-Kap.16).**Inoltre l-intimati ma ressqux prova in sostenn tal-eccezzjoni taghhom li dawn id-depoziti qatt ma gew imhawda mal-assi tal-komunjoni.

Il-mara ghandha wkoll kreditu kontra l-komunjoni fl-ammont komplessiv ulterjuri ta' **€6,757.52** rapprezentanti l-valur tal-oggetti mobbli u prezjuzi li gabet fiz-zwieg.

[19] **L-artikolu 1320 e)** ighid "*Kull beni akkwistati bi flus jew hwejjeg ohra li wahda mill-partijiet mizzewgin kellha minn qabel iz-zwieg jew li wara z-zwieg missew lilha 'donazzjoni ta' wirt, jew b'titolu iehor……*"

B'kollox ghalhekk ir-rikorrenti ghandha kreditu parafernali ta' **€46,577.25** li ghandha tiehdu bhala prelevament mill-komunjoni .

**Dan il-kreditu jirrapresenta prelevament mill-assi tal-komunjoni qabel ma jigi fformat f'zewg porzjonijet rispettivament tar-rikorrenti u tad-decujus. Il-Qorti ser tordna li dan il-prelevament jithallas mill-investimenti appartenenti lill-komunoni tal-akkwisti.**.

Il-Qorti taqbel li eskluz mill-komunjoni tal-akkwisti huwa l-kreditu tad-decujus kontra uliedu ammontanti ghall-€25,547.57 billi huwa parafernali tieghu. Ma jirrizultax mill-provi jekk dan il-kreditu effettivament thallas u ghalhekk il-kreditu jibqa' dovut lill-eredita' ta' Carmelo Cini salv ghall-imghaxijiet talvolta dovuti li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti sad-data tal-mewt tad-decujus.

Ukoll eskluz anke mill-assi ereditarju huwa l-uzufrutt li kien igawdi id-decujus billi wara mewtu dan jispicca.

Dwar dan l-intimati ssottomettew li l-ammont ta' €36,687.63 (gja Lm15,750) baqa' fil-pussess ta' Carmelo Cini u ghalhekk ghandu jigi rifuz lilhom bhala l-eredi ta' Ludgarda Cini. Dwar dan ghandhom ragun. Ir-rikorrenti ma gabet l-ebda prova li din is-somma traddet lura lill-intimati. Inoltre l-intimati qed jippretendu l-imghax bir-rata ta' 8% fuq dan l-ammont mid-data tal-mewt ta' missierhom cioe mit-30 ta' Dicembru 2008 li, sad-data tas-sottomissjonijiet taghhom (30 ta' Dicembru 2015) jammonta ghal €20,545.07. B'kollox ghalhekk jippretendu li ghandhom jigu rifuzi somma

komplessiva ta' **€57,232.70.** Din il-Qorti taqbel ma' dan u ser tilqa' din il-pretensjoni billi hija dovuta**. Billi dan id-debitu huwa parafernali tad-decujus ghandu jigi rifuz mis-sehem mill-assi ereditarju spettanti lilu ghajr ghall-imghaxijiet li huma addebitati lill-komunjoni.**

**TALBIET ATTRICI**

**I - L-Ewwel Talba Attrici - Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti**

Ghaldaqstant ghall-fini tal-ewwel talba attrici tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn id-defunt Carmelo Cini u r-rikorrenti Francesca Saveria Cini fis-segwenti:

**Immobbli**

- 1/2 indiviz minn qabar fic-cimiterju ta' Hal Qormi (Qabar 51, Sezzjon San Gorg, Cimiterju ta' Hal Qormi akkwistat minn Carmelo CIni waqt iz-zwieg mal-ewwel mara tieghu, omm l-intimati. - Valur ta' €1,000.
- 1/6 indiviz minn qabar numru 234 Sezzjoni B, fic-cimiterju tas-Siggiewi kif deskritti fid-dikjarazzjoni *causa mortis* esebiti fil-process. - Valur €500.

**Flus u Depoziti**

**Depoziti Bankarji f'isem iz-zewg konjugi :**

- **F'isem id-Decujus:**
  BOV p.l.c. € 0.40c[20]

[20] Dok GC1 esebit man-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati.

**F'isem ir-Rikorrenti:**

BOV p.l.c

- Short term deposit Lm3000[21] u cioe` €6988.12

-GBP account GBP 1910.82[22]

-Savings Account €18,795.56[23]

-GPB BOV1 Equity Linked Deposit GBP21,000[24]

**Investimenti**

- Vilhena *Funds* SICAV plc - (VFM1) valur ta' €90,877.74

- MSE a/c 144509 BOV plc ordinary shares 3551 ishma[25]

- Vilhena *Funds* SICAV plc - (VFM2) valur ta' €188,485.04

- La Vallette Multi Manager Property Fund li meta inghalaq fl-10 ta' Lulju 2011 kellu valur ta' **€41,215.90.**

**Dawn huma soggetti ghal:**

1. Rifuzjoni lill-intimati tal-imghaxijiet kif fuq spjegati fuq il-kapital gawdut b'uzufrutt minn Carmelo Cini li gew konsolidati favur l-intimati indivizament bejniethom mal-mewt tieghu.

2. Prelevament favur ir-rikorrenti fl-ammont ta' **€46,577.25** rappresentanti l-krediti parafernali taghha.

**II - Likwidazzjoni tal-Assi ereditarju ta' Carmelo Cini**

**Il-Qorti issa ser tghaddi biex tillikwida l-assi ereditarju ta' Carmelo Cini.**

[21] Fol 127

[22] Valur mehud mill-i*statement* a fol 204 ghall-perjodu 1/10/08 - 31/12/08

[23] *Statement* a fol 253 li juri l-bilanc fit-29 ta' Dicembru 2008

[24] *Statement* a fol 279 datat 19 Nov. 2008

[25] Dokument a fol 283

**Immobbli Parafernali**

Il-kwoti ereditarju spettanti lir-rikorrenti skont it-testmenti *unica charta* jikkonsistu f'kwantu ghal sehem ta' kwinta parti (1/5) indiviza lir-rikorrenti Francesca Saveria Cini, u kwinta parti (1/5 ) indiviza kull wiehed u wahda minnhom lil uliedu Philip, George u Carmela, u l-kwinta parti (1/5) indiviza rimanenti lil ulied ibnu premort Nicholas, cioe` lill-intimati Arnold u r-Reverendu Charles ahwa Cini.

L-immobbli parafernali huma s-segwenti:

i. Nofs (1/2) indiviz tad-dar b'*garage* 72 u 73 (issa 63 u 65) fi Triq il-Gdida Hal-Qormi;

ii. Nofs (1/2) indiviz tal-fond numru 4 u 5 fi Sqaq Zenqa, Hal-Qormi;

(in-nofs l-iehor appartenenti lill-eredi ta' Ludgarda Cini).

Fir-rigward tal-fond 63 u 65 f'New Street Qormi, din hija soggetta ghall-uzufrutt tar-rikorrenti u f'kaz li tinbiegh ikollha prelevament ta' €70,000 skont l-ahhar testment *unica charta* tad-decujus. Il-Qorti hawn ma taqbilx mat-tezi attrici li ghandha dritt minnufih ghal din is-somma li hija dovuta lilha biss mal-bejgh tal-fond.

**Billi dawn il-proprjetajiet huma indivizi bejn l-eredita' ta' Carmelo Cini u l-eredita' ta' Ludgarda Cini, l-Qorti ma tistax tghaddi ghad-divizjoni u assenjazzjoni tal-ishma liema ezercizzju jrid isir bejn l-eredi koproprjetarji kollha.**

**III - Is-sehem tad-decujus mill-Komunjoni tal-Akkwisti**

**- Immobbli**

Fir-rigward tal-qabar fis-Siggiewi, is-sehem mixtri fiz-zwieg jappartjeni kwantu ghall-kwinta parti lir-rikorrenti u kwinta parti lill-intimati. Dwar dawn iz-zewg oqbra, huwa gust li r-rikorrenti tassenja lill-intimati sehemha mill-qabar ta' Hal Qormi filwaqt li l-intimati jassenjawlha sehemhom mill-qabar fis-Siggiewi.

**- Flus, Depoziti Bankarji u Investimenti.**

L-assi ereditarju jikkonsistu fis-segwenti:-

- 1/2 mIl-bilanc rimanenti(billi n-nofs (1/2) l-iehor gja jappartjenti lir-rikorrenti bhala sehemha mill-assi tal-komunjoni, mill-flus, depoziti u investimenti wara li jigi rifuz lill-intimati l-ammont rapprezentanti l-uzufrutt u imghax fuqu, nofs il valur tal-**La Vallette Multi Manager Property Fund**, u lir-rikorrenti l-krediti parafernali taghha kif ser jigi dispost ukoll fil-parti dispositiv ta' din is-sentenza, flimkien mal-imghaxijiet u *dividends* relattivi imhallsa mit-30 ta' Dicembru 2008 sad-data tal-pagament.

**- Mobbli**

Dwar mobbli ossia ghamara hemm qbil li bejn il-kontendenti billi r-rikorrenti ghandha ukoll l-uzufrutt tal-ghamara fid-dar gja matrimonjali taghha u ghalhekk il-Qorti mhix ser tippronunzja ruhha dwar dan.

***Safe Deposit Box***

Fl-assenza ta' prova ohra, l-Qorti tqis li din tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti u l-kontenut li jista' jkun hemm ghandu jigi diviz, kwantu ghan-nofs lir-rikorrenti u l-bilanc bejn il-kontendenti skont il-kwoti ereditarji rispettivi taghhom.

**- It-Tieni Talba Attrici - Legat Imholli lir-Rikorrenti - il-Qofol tal-Kwistjoni**

Irrizulta mit-testament *unica charta* addizzjonali datat 10 ta' Dicembru 2008 (it-tielet Artikolu) li d-defunt Carmelo Cini halla b'titolu ta' legat lil martu Francesca Saveria Cini, d-dritt ta' abitazzjoni tad-dar u garage numru 63, u 65, Triq il-Gdida, Qormi, kif ukoll l-uzufrutt tal-oggetti mobbli li jezistu fid-dar, kif ukoll *"in piena proprjeta` kwalsiasi somom ta' flus li jkun jippossjedi t-testatur fil-gurnata ta' mewtu."* (fol 9).

Id-dizgwid bejn il-partijiet hija evidentement dwar il-klawsola (c) tat-tielet artikolu fit-testment li giet ikkwotata hawn fuq. Hekk kif gie eccepit mill-intimati fin-nota tal-eccezzjonijiet li sostnew li din il-klawsola ma tinkludix depoziti bankarji li kellu d-decujus fil-mument ta' mewtu.

**Dritt**

Gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana li *"l-intenzjoni tat-testatur tista' tigi interpretata biss fejn din ma tkunx cara*."

(Ara **"Bonavia Properties Ltd. vs Giovanni Bonello",** P.A., deciza fl-24 ta' Frar 2012).

Ukoll fil-kaz ("**Carmelo Sant vs Dr. Giuseppe Cauchi",** Qorti tal-Appell deciz fl-20 ta' Ottubru 1958, inghad hekk:

*"Fil-Qrati Maltin giet dejjem adottata u applikata f'materja ta' interpretazzjoni testamentarja r-regola fondamentali tad-dritt Ruman 'non alter a significatione verborum recede oportet quam manifestum sit aliud senisse testatorem'. Ghalhekk, meta d-dispozizzjoni hija cara ghandha tircievi l-ezekuzzjoni taghha. Hu cert ukoll li l-intenzjoni tat-testatur ghandha tigi dezunta ex visceribus tal-istess dispozizzjoni li tkun in kwistjoni. Certament, tista' tigi anke raffrontata ma' dispozizzjonijiet ohra tat-testment."* (ara wkoll **"Paul Vella et vs Grace Everest et"** P.A. deciza fit-28 ta' Ottubru 2015).

Huwa ben maghruf li "*dove le parole del testament siano per se stesse chiare, non e` lecito con prove estrinsiche restringere o ampliarne il senso; la dispossizione deve restare quell ache le parole del testmento importino."* (**"Carmelina Mifsud et vs Matilde Pullicino et"** 13 ta' Gunju 1888 **(Vol.XI pag.633).** Fl-istess sens huma d-decizjonijiet fl-ismijiet **"Nutar Albert E. Micallef et vs Marietta Tonna"** Appell Civili 18 ta' Marzu 1957.

Fis-sentenza **("Giuseppe Axiak vs Antonio Axiak et"** deciza fis-26 ta' Frar 1945 (Volum XXXII.i.178) tas-26 ta' Frar 1945, gie osservat:

*"F'materja ta' interpretazzjoni testamentarja, meta d-dispozizzjoni hija cara, ghandha tircievi l-ezekuzzjoni taghha bhala ligi li t-testatur ried jimponi, u mhux permess li sir interpretazzjoni tal-volonta` tat-testatur hlief meta l-kliem minnu uzat ikun certament kuntrarju ghall-volonta` tieghu.L-intenzjoni tat-testatur ghandha tingibed mid-dispozzizzjoni tal-istess testament, konfrontati anke mad-dispozizzjoni ta' testmenti ohra tieghu, precedenti jew sussegwenti, u mhux minn materja estarnea ghat-testment".* **(Ara wkoll "Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxiaq vs Christopher Testaferrata Moroni Viani**, P.A. – 19 ta' Dicembru 2012).

Fil-kaz **"Mary Muscat vs Dr. Renzo Porsella Flores noe."** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Dicembru 2014, rreferiet ghall-awtur **Taljan Albert Trabucchi** ibid.pag.468-469, li dwar il-volonta` testamentarja kkummenta hekk:

*"Dobbiamo tenere ben presente che in ogni caso l-interprete e` chiamato a determinare unicamente la volonta` che e stata espresso nel testamento; non sarebbe lecito costruire una volonta` testamentaria non scritta anche se vari elementi presuntive ci dessero la convinzione che il testatore aveva una precise intenzione circa quelle che dovevono essere le sui ultime volonta`. Ripetiamo la formula: va ricercata la volonta` testamentaria, cio e la volonta espresso nel testamento, e non la volonta` del testatore, cioe` la volonta del testatore, cioe` la volonta` che si ritenga corrispondere alle vera intenzione, anche non espresso, del testatore; 'non quod vouit testator, sed quod dixit in testament inspiciatur'. Cioe` non significa, tuttavia, che la volonta` rilevante debbe*

*essere desunta soltanto indagando sui termini letterali usati nel testamento…. Gli elementi interpretative possono essere ricercati anche aliunde, ma questo ricorso a elementi di prova estranei al testament e` ammesso ragionevolmente soltanto per capire il contenuto di una volonta` espresso sia pure poco chiaramente."*

Hekk kif ighid il-**Vitali** (opera citata, par.1339) biex jigi determinat il-veru karattru ta' dispozizjoni testamentarja hemm bzonn li jigu rigwardati mhux biss il-kliem impjegati mit-testatur u n-natura intrinsika tal-liberalita` li tkun giet maghmula, imma anke l-intenzjoni tat-testatur." (Ara **"Saviour James Vella vs Antoinette Carmen Barbara,** P.A. - 2 ta' Mejju 2006).

Ma tezisti l-ebda prova li kien hemm xi ncertezza jew dizgwid dwar jekk id-depoziti bankarji jew ishma jifformawx parti minn "*kwalsiasi somom ta' flus li jkun jippossjedi t-testatur*." Illi r-rikorrenti tissottometti li johrog b'mod car li d-defunt Carmelo Cini, b'mod kostanti fit-testment *unica charta* addizzjonali datat 3 ta' Dicembru 2008, ried jipprotegi lil martu Francesca Saveria Cini. L-intimati jirribattu li l-kliem imsemmija ma jfissrux li t-testatur ried ihallilha kollox u fil-fatt ipprotegiha billi hallielha d-dar b'uzufrutt flimkien mal-ghamara u ordna li jekk id-dar tinbiegh, hi tithallas €70,000 ir-rikavat (aparti sehemha ta' kwinta' parti *qua* eredi). Ha hsieb jippreciza wkoll li fost l-oggetti fid-dar jaf li kellha oggetti prezjuzi taghha li ghandom jibqghu taghha. Dan "*b'rikonoxximent ghal dak li qeghdha taghmel mat-testatur fl-istat li jinsab."*

Illi l-istess Tielet Artikolu kif originarjament redatt fl-ewwel testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius tas-7 ta' Awwissu 2008 kien espress fil-kliem "*kwalsiasi somma kontanti*" mentri t-testment addizzjonali li huwa dak effettiv jghid testwalment "*kwalsiasi sommom ta' flus*" minghajr il-kwalifika tal-kelma "kontanti".

Fit-termini tal-**artiklolu 316 tal-Kap 16:**

***316.*** *Fil-kelmiet "beni jew ħwejjeġ mobbli", "oġġetti mobbli", jew "sustanza mobbli", użati fil-liġi jew f 'disposizzjoni tal-bniedem, mingħajr żieda jew ħaġ'oħra li tillimita t-tifsir tagħhom jidħlu sew il-ħwejjeġ mobbli minnhom infishom, kemm ukoll il-ħwejjeġ li b'mod ġenerali huma meqjusa mobbli għaliex hekk tqishom il-liġi.*

***317.*** *(1) Hekk ukoll, fil-kelma "mobbli" użata f'liġi, mingħajr żieda jew ħaġ'oħra li tillimita t-tifsir tagħha, jidħlu sew il-mobbli minnhom infishom, kemm ukoll il-ħwejjeġ li hekk tqishom il-liġi.*

*(2) Iżda, il-kelma "mobbli", jekk użata f'disposizzjoni tal-bniedem, ma tfissirx, minnha nfisha, flus jew titoli li jissarfu flus, ħaġar fin, oġġetti ta' metall prezzjuż jew ħwejjeġ li huma l-oġġett ta' kummerċ; lanqas ma jidħlu l-ħwejjeġ meqjusa bħala mobbli mil-liġi."*

Il-legislatur qed jaghmel distinzjoni cara bejn flus u titoli li jissarfu fi flus diment li ma jkunx hemm kwalifika ohra mal-kelma mobbli. Fil-kaz in dizamina, t-testatur uza l-kliem *kwalsiasi somom ta' flus* fejn qabel uza l-kliem *kontanti.*

Il-Qorti tistqarr li kieku ma kienx hemm tali tibdil fit-testmenti, kienet taqbel mat-tezi tal-intimati li l-legat ma kienx jikkomprendi depoziti bankarji, apparti l-ishma u l-investimenti li dwarhom din il-Qorti m'ghandha l-ebda diffikolta li teskludihom mill-legat.

Izda meta t-testatur ha hsieb li jelimina l-kelma *kontanti,* ried ifisser, fil-fehma tal-Qorti, li kien qed jinkludi d-depoziti bankarji fil-legat imholli lil martu u ma kienx qed jillimita l-legat biss ghall-*cash.*

L-istess ma jistax jinghad f'dak li jirrigwarda l-investimenti kemm f'ishma mal-BOV plc kif ukoll fil-Valletta Fund Management. Gja gie kkonstatat li dawn l-investimenti huma komprizi fl-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ghalkemm uhud minnhom huma intestati f'isem l-attrici.

Proprju fuq id-definizzjoni tal-kelma "*flus"* ghall-fini tal-interpretazzjoni tal-volonta' tat-testatur din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza u hsibijiet imfissra mill-Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet **Farmacista George Mallia v Carmela Mallia** (A.C. 18.3.1957 per Sir L.A. Camilleri ) li wkoll kienet tirrigwarda interpretazzjoni ta' legat "*kif ukoll il-flus kollha li jinsabu f'mewtu fi kwalunkwe bank jew persuna...".* Il-Qorti bdiet biex tenuncja in linea ta' massima li "*meta l-kwistjoni tkun dwar jekk legat ghandu jigi ammess jew eskluz, l-interpretazzjoni hi favur il-legatarju; meta tkun dwar l-estensjoni jew kwantita' tal-legat, l-interpretazzjoni tku favur l-eredi.P.A. Carabott utrinque -29 XI. 1947, VOL XXXIII.II.142-146."* Dik il-Qorti, wara li ezaminat il-giurisprudenza nostrali dwar l-interpetazzjoni tal-volonta' tat-testatur, kif ukoll id-dottrina u giurisprudenza in materja

ta' giurisdizzjonijiet esteri, kkonkludiet li l-kelma "flus" fit-tifsira ordinarja taghha, ma tikkomprendix titoli, ghalhekk tinkludi depoziti bankarji. Jekk mid-disposizzjonijiet l-ohra tat-testment ma jidher xejn li jista' jestendi t-tifsira tal-kelma "flus" biex tikkomprendi ukoll "titoli" dawn ghandhom jigu eskluzi mil-legat.

Il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb u ma ssib l-ebda konfort fit-testment li tiggustifika l-estensjoni tat-tifsira tal-kliem "*somom ta' flus"* ghall-investimenti. Ghalkemm ghandhom valur monetarju, huma imfissra bhala *unit holdings* u l-valur jitla' u jinzel skont is-suq. L-ismha fil-BOV plc ukoll mhumiex "flus" fit-tifsira ordinarja tal-kelma.

Il-Qorti tapprezza li t-testatur ma kienx bniedem legali izda kien fin-negozju u certament kien japprezza d-distinzjoni bejn flus, depoziti, ishma u investimenti. Fit-testment tieghu kien attent li juza l-kelma "somom" u din il-Qorti hija sodisfatta li ried jhalli b'legat dawk l-ammonti ta' flus kemm kontanti kif ukoll li jinsabu fil-banek bhala flejjes depozitarji ghar-raguni fuq spjegat.

Ghaldaqstant tqis li l-legat imholli lir-rikorrent jinkludi d-depoziti bankarji kollha intestati f'isem id-decujus kif ukoll dawk f'isem ir-rikorrenti, izda mhux l-investimenti registrati f'isem id-decujus u f'isem ir-rikorrenti, u cioe` l-ishma mal-BOV plc u mal-Valletta Fund Management li jidhlu fl-assi in divizjoni. Ghaldaqstant ir-rikorrenti bhala legatarja ghandha tigi assenjata d-depoziti bankarji kollha in pjena proprjeta' flimkien mal-imghaxijiet akkreditati fuqhom mid-data tal-mewt tad-decjus .

**Somma ta' €70,000 li ghandu jithallas lir-rikorrenti f'kaz li jinbieghu d-dar u l-garaxx numri 63 u 65 New Street Hal Qormi.**

Il-Qorti taqbel li dan mhuwiex kreditu cert imma jiddependi fuq il-kondizzjoni futura tal-bejgh tal-fondi. F'kaz ta' bejgh allura r-rikorrenti ghandha tircievi s-somma ta' €70,000 oltre sehemha ta' decima parti (1/10) mir-rikavat nett rimanenti. L-intimati ma jistghux jezoneraw ruhhom minn din l-obbligazzjoni kemm-il darba l-fond u l-garaxx jigu mibjugha.

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati u tiddisponi mit-talbiet attrici u mill-eccezzjonijiet rimanenti skont dan li gej:

**1)** **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tillikwida l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn id-defunt Carmelo Cini u r-rikorrenti fl-assi immobbli u immobbli kif murija fil-parti ta' din is-sentenza intestata "**I - L-Ewwel Talba Attrici - Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti"** li flimkien mal-partijiet inestasti **"II - Likwidazzjoni tal-Assi ereditarju ta' Carmelo Cini"** u "**III - Is-sehem tad-decujus mill-Komunjoni tal-Akkwisti"** ghandhom jifformaw parti integrali bhala parti dispozittiva minn din is-sentenza.

Fir-rigward tas-***safe deposit box*** tordna li dan jinfetah fil-prezenza tal-partijiet, u jsir elenku tal-kontenut mill-ufficjal tal-Bank, kontroffirmat mill-istess partijiet. Il-kontenut

ghandu jigi diviz kwantu ghan-nofs favur ir-rikorrenti bhala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisi hi flimkien mal-intimati jiehdu sehemhom minn nofs (1/2) rimanenti skont il-kwota ereditarja taghhom.

Eskluzi mill-assi tal-komunjoni huma dawk l-assi elenkati fl-istess parti intestati rispettivament: **Assi Parafernali ta' Carmelo Cini** u **Assi Parafernali ta' Francesca Saveria Cini.**

Fir-rigward tal-**immobbli parafernali** ta' Carmelo Cini, li taghhom kellu sehem ta' nofs (1/2) indiviz, il-Qorti tiddikjara li dan is-sehem jappartjeni lill-kontendenti indivizament skont il-kwota ereditarja rispettiva taghhom u cioe` kwantu ghall-kwinta (1/5) parti indiviza kull wiehed lir-rikorrenti, George Cini, Philip Cini, u Carmela Farrugia u kwinta (1/5) parti bejniethom bejn Arnold Cini u r-Reverendu Carlo Cini.

F'kaz li l-fond u garaxx 63 u 65 gja 72 u 73 fi Triq il-Gdida Hal-Qormi soggetti ghall-uzufrutt tar-rikorrent, jinbieghu, ir-rikorrenti ghandha dritt ghall-prelevament ta' €70,000 u kwalsiasi bilanc rimanenti jigi diviz bejn il-kontendenti skont il-kwota ereditarja taghhom.

**2) Tiddisponi mit-tieni talba** billi tiddikjara li l-legat imholli lir-rikorrenti jikkomprendi sehem id-decujus ossia nofs (1/2) mill-flus u depoziti bankarji kollha li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Carmelo u Francesca Saveria Cini fid-data tal-mewt tieghu, liema flus u depoziti bankarji jitqiesu issa li jappartjenu esklussivament lill-Francesca Saveria Cini b'effett tal-legat imhollija mid-decujus. Eskluz mill-legat huma l-investimenti

u l-ishma murija fid-dokumenti esebiti bhala **DOK MSE1 u DOK VFM1 u VFM2 u l-valur tal-La Vallette Multi Manager Fund.**

**Ghaldaqstant il-Qorti tordna** li l-investimenti u ishma esebiti bhala **DOK MSE1, DOK VFM1 u VFM2 jigu divizi hekk:**

1. Ir-rikorrenti tircievi l-prelevament taghha fl-ammont ta' **€46,577.25**.

2. L-intimati jithallsu l-imghaxijiet fuq l-uzufrutt bir-rata ta' 8% mid-data tal-mewt tad-decujus sal-qasma.

3. Il-bilanci jigu divizi f'zewg porzjonijiet ugwali, li nofs minnhom jappartjeni lir-rikorrenti bhala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti u n-nofs l-iehor lill-eredita' ta' Carmelo Cini.

4. Minn nofs appartenenti lill-eredita', l-intimati jithallsu:
   a) nofs l-ammont zbankat mill-La Vallette Multi Manager Property Fund li meta inghalaq fl-10 ta' Lulju 2011 kellu valur ta' **€41,215.90, ghalhekk €20,607.95**;
   b) l-kreditu taghhom fl-ammonti ta' **€36,687.61** rimbors tal-uzufrutt).

5. Il-bilanc rimanenti jigi diviz bejn il-kontendenti skont il-kwota ereditarja taghha.

6**.** Fir-rigward tal-investiment f'ishma mal-BOV plc **(DOK MSE1),** dawn ghandhom jinbieghu fuq is-suq ghall-ahjar

prezz u r-rikavat jinqasam kwantu ghan-nofs lir-rikorrenti u l-bilanc bejn il-kontendenti skont il-kwota ereditarja taghhom.

**3) Tiddisponi mit-tielet talba limitatament** billi tinnomina lin-Nutar Dottor Patrick Critien sabiex jippubblika l-att opportun ta' divizjoni u assenjazzjoni tal-kwoti ereditarju mill-oqbra fuq imsemmija reciprokament bejn il-partijiet billi r-rikorrenti tassenja lill-intimati sehemha mill-qabar ta' Hal Qormi filwaqt li l-intimati jassenjawlha sehemhom mill-qabar fis-Siggiewi.

Tappunta nhar il-Hamis 21 ta' April 2016 f'nofsinhar ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv fl-edificcju tal-Qrati Superjuri l-Belt Valletta. Tinnomina lill-Avukat Dottor Sarah Chircop Beck bhala kuratur ghall-eventwali kontumaci.

**L-ispejjez gudizzjarji ukoll jithallsu kwantu ghall-kwinta (1/5) parti mill-attrici u erba' partijiet minn hamsa (4/5) mill-intimati *in solidum* bejniethom.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**25 ta' Frar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**25 ta' Frar 2016**